MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI ISTRUTTORJA

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-8 ta' April, 2006

Numru. 324/2006

**Il-Pulizija**
**(Spt. Stephen Gatt)**

**vs**

**Khalil Zina**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Khalil Zina** ta’ 31 sena, iben morwan u Raghdaa, mwieled il-Kuwait, nhar is-7 ta’ Lulju, 1974, residenti 7, Flat 2, Triq Antonio Bosio, Balzan, u detentur tal-karta tal-identita’ numru 246295M;

Talli fil-lejl ta’ bejn is-6 t’April, 2006, u 7 t’April, 2006, gewwa s-Swatar, Msida, kkommetta serq ta’ dieselminn zewg trakkijiet scammels li jgibu n-numru tar-registrazzjoni AAL 662 u LAU 695 it-tnejn tal-marka

Seddon ghad-detriment ta' Joseph Micallef mis-Swatar, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa;

Semghet l-ammissjoni tal-imputat;

Stante li l-avukat generali ma tax il-kunsens tieghu ghas-smiegh tal-kaz bil-procedura sommarja, l-Qorti ipposponiet il-kumpilazzjoni u wara li tat zmien sufficjenti l-imputat rega ikkonferma l-ammissjoni tieghu;

Rat l-atti tal-kumpilazzjoni. Bl-ammissjoni tal-imputat ssibu hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu;

Rat l-artikoli 18 u 293 tal-Kap 9;

Rat il-fedina penali tal-imputat;

Wara li l-imputat ikkonferma li dispost joqghod taht kundizzjonijiet fil-kaz li jkun liberat.

Tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx rejat iehor sa zmien sentejn mil-lum skond l-art. 22 tal-Kap 446.

Il-Qorti spjegat l-obbligi tal-imputat naxxenti minn din is-sentenza u tordna li dawn l-atti jintbaghtu ghand l-avukat generali fiz-zmien li trid il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------